REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 307/2008

tat-2 ta' April 2008

li jistabbilixxi, skond ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku ta' l-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra fluworinati [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE [2] taħseb għad-dħul obbligatorju mis-sena 2011 ta' sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur b'potenzjal baxx ta' tisħin globali. Bħala miżura għal żmien qasir, ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kwalifiki xierqa tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' gassijiet serra fluworinati minn dawn it-tip ta' sistemi.

(2) Il-persunal li qed isegwi kors ta' taħriġ sabiex jikseb attestazzjoni ta' taħriġ, għandu jitħalla jagħmel xogħol kopert mill-kors ta' taħriġ u li jeħtieġ attestazzjoni ta' taħriġ għal perjodu ta' żmien limitat, dejjem jekk dan ikun issorveljat minn persunal li għandu din it-tip ta' attestazzjoni.

(3) Sabiex jiġu ffaċilitati t-taħriġ u l-attestazzjoni tal-persunal li diġà jaħdem fl-oqsma li jaqgħu taħt dan ir-Regolament mingħajr ma jkollu jwaqqaf il-hidma professjonali tiegħu, huwa meħtieġ perjodu xieraq ta' żmien provviżorju li matulu l-persunal imħarreġ taħt skemi ta' kwalifika li diġà jeżistu jew li għandu esperjenza professjonali jitqies li għandu l-kwalifiki xierqa għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 842/2006.

(4) Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, l-għarfien ta' sistemi ta' kwalifika li diġà jeżistu għandu jkun permess, dejjem jekk il-ħiliet u l-għarfien koperti u s-sistema relevanti ta' kwalifika huma ekwivalenti għall-istandards minimi maħsuba minn dan ir-Regolament.

(5) Il-korpi ta' attestazzjoni maħtura uffiċjalment għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament u b'hekk jagħtu kontribut għall-għarfien reċiproku effettiv u effiċjenti ta' l-attestazzjonijiet ta' taħriġ fil-Komunità kollha.

(6) Tagħrif dwar is-sistema ta' attestazzjoni li permezz tagħha jinħarġu attestazzjonijiet li jkunu soġġetti għall-għarfien reċiproku għandu jingħata lill-Kummissjoni fil-format stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skond ir-Regolament (KE) Nru 842/2006, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni ta' l-Istati Membri [3]. Għandu jingħata tagħrif lill-Kummissjoni dwar l-għarfien, għal perjodu ta' żmien provviżorju, ta' sistemi ta' kwalifika li diġà jeżistu jew ta' esperjenza professjonali.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti gassijiet serra fluworinati minn sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2006/40/KE, kif ukoll il-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku ta' l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġa skond dawn ir-rekwiżiti.

Artikolu 2

It-taħriġ tal-persunal

1. Il-persunal li għandu attestazzjoni ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 3 biss għandu jitqies li għandu l-kwalifika xierqa biex jagħmel ix-xogħol imsemmi fl-Artikolu 1.

[1] ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12.
[3] Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/540/KE (ĠU L 198, 31.7.2007, p. 35).

2. Għal żmien massimu ta' tnax-il xahar, il-Paragrafu 1 ma għandux japplika għall-persunal li jkun qed isegwi kors ta' taħriġ sabiex jikseb attestazzjoni ta' taħriġ, dejjem jekk dan ikun issorveljat minn persuna meqjusa li għandha l-kwalifiki xierqa waqt li jkun qed jagħmel dan ix-xogħol.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 1 ma għandux japplika, sa mhux aktar tard mill-4 ta' Lulju 2010, għal:

(a) persunal li għandu attestazzjoni għax-xogħol imsemmi fl-Artikolu 1 maħruġ taħt skemi ta' kwalifika li diġà jeżistu, u identifikat bħala tali mill-Istat Membru; jew

(b) persunal li għandu esperjenza professjonali miksuba qabel l-4 ta' Lulju 2008 tax-xogħol imsemmi fl-Artikolu 1.

Għall-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, dan il-persunal għandu jitqies li għandu l-kwalifiki xierqa biex jagħmel ix-xogħol imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Il-ħruġ ta' attestazzjonijiet ta' taħriġ lill-persunal

1. Fil-liġijiet jew regolamenti nazzjonali għandu jinħaseb għal korp ta' attestazzjoni, liema korp jista' jinħatar jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru nkella minn korpi oħrajn li għandhom id-dritt jagħmlu dan.

2. Il-korp ta' attestazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu joħroġ attestazzjoni ta' taħriġ lill-persunal li jkun spiċċa kors ta' taħriġ li jkopri l-ħiliet minimi u l-għarfien imniżżlin fl-Anness.

3. L-attestazzjoni ta' taħriġ għandha tinkludi ta' lanqas dan li ġej:

(a) l-isem tal-korp ta' attestazzjoni, l-isem sħiħ tal-persuna li nħarġitilha dik l-attestazzjoni, u numru ta' reġistrazzjoni;

(b) ix-xogħol li tista' tagħmel il-persuna li nħarġitilha l-attestazzjoni ta' taħriġ;

(ċ) id-data tal-ħruġ ta' l-attestazzjoni u l-firma ta' min ħariġha.

4. Fejn diġà jeżisti kors ta' taħriġ li jkopri l-ħiliet minimi u l-għarfien imniżżlin fl-Anness, imma l-attestazzjoni relatata miegħu ma tinkludix l-elementi stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-korp ta' attestazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 jista' joħroġ attestazzjoni ta' taħriġ lil min diġà għandu din il-kwalifika mingħajr il-ħtieġa li dan jerġa' jsegwi l-kors ta' taħriġ.

Artikolu 4

Notifika

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa l-4 ta' Lulju 2008 dwar il-ħsieb tagħhom li jużaw il-punt (a) jew (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(3) billi jidentifikaw sistemi ta' kwalifika li diġà jeżistu jew kondizzjonijiet ibbażati fuq l-esperjenza professjonali li, abbażi tagħhom, il-persunal jitqies li għandu l-kwalifiki xierqa.

2. Sa l-4 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt tal-korpi ta' attestazzjoni tal-persunal koperti mill-Artikolu 3(1) u tat-titli ta' l-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal li huma konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 3(2) u ta' l-Anness, billi jużaw il-format stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 308/2008.

3. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw in-notifika mressqa skond il-paragrafu 2 b'tagħrif ġdid relevanti u jgħadduha lill-Kummissjoni mingħajr telf ta' żmien.

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku

1. L-Istati Membri għandhom jagħrfu, b'mod reċiproku, l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġin fi Stati Membri oħrajn b'konformità ma' l-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lil min għandu attestazzjoni ta' taħriġ maħruġa fi Stat Membru ieħor jipprovdi traduzzjoni ta' l-attestazzjoni f'lingwa oħra uffiċjali tal-Komunità.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Ir-rekwiżiti minimi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu koperti mill-programmi ta' taħriġ

Il-kors ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 3(2) għandu jkopri dan li ġej:

(a) modjul teoretiku kif muri b'(T) fil-kolonna msejħa "It-Tip ta' Modjul",

(b) modjul prattiku li matulu l-applikant għandu jagħmel il-biċċa xogħol korrispondenti bil-materjal, l-għodda u t-tagħmir relevanti, kif muri b'(P) fil-kolonna msejħa "It-Tip ta' Modjul".

L-Għarfien u l-Ħiliet Minimi		It-Tip ta' Modjul
1. **It-tħaddim ta' sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur, l-impatt ambjentali ta' refriġeranti b'bażi ta' gass serra fluworinat u r-regolamenti ambjentali li għandhom x'jaqsmu magħhom**		
1.1	Għarfien bażiku tat-tħaddim ta' sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur	T
1.2	Għarfien bażiku ta' l-użu u l-karatteristiċi tal-gassijiet serra fluworinati bħala refriġeranti f'sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja f'vetturi bil-mutur, u ta' l-impatt ta' l-emissjonijiet ta' dawn il-gassijiet fuq l-ambjent (kemm hu kbir il-Potenzjal ta' Tisħin Globali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-tibdil fil-klima)	T
1.3	Għarfien bażiku tad-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 u tad-Direttiva 2006/40/KE.	T
2. **L-irkupru ta' gassijiet serra fluworinati b'mod li ma ssirx ħsara lill-ambjent**		
2.1	Għarfien tal-proċeduri komuni għall-irkupru tal-gassijiet serra fluworinati	T
2.2	L-immaniġġjar ta' ċilindru tar-refriġerant	P
2.3	It-tqabbid u l-iskonnettjar ta' sett ta' rkupru lejn u mill-punti ta' servizz tas-sistemi ta' kondizzjonament ta' l-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur	P
2.4	It-tħaddim ta' sett ta' rkupru	P